MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 217/2008

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**Vs**

**Domenic Scerri**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf, mija u wiehed Euro u disgha u tmenin centezmu (€1,101.89) – erba' mija u tlieta u sebghin liri Maltin u erba' centezmi (Lm473.04c) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lil Mobisle Comminications Limited skond Client Contract Number 1013108 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xahar ta' bejn Marzu 2007 u Settembru 2007.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-11 ta' Jannar, 2008, dawk tal-mandat ta' sekwestruipprezentat

kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf, mija u wiehed Euro u disgha u tmenin centezmu (€1,101.89) – erba' mija u tlieta u sebghin liri Maltin u erba' centezmi (Lm473.04) bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------